MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 657/2011

**Medsea Shipping Agency Limited**
**(C – 45855)**

**vs**

**Arthur Cianco**
**(karta ta' l-identita` numru 477045 (M))**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tar-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti datat is-7 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi wara proposta tal-intimat, il-kontendenti kkonkretizzaw ftehim li permezz tieghu l-istess socjeta` rikorrenti kellha tghaddi s-somma ta' mitt elf Dollaru Amerikan, ($100,000.00), skont struzzjonijiet tal-intimat, u

jkollha ritorn garantit ta' mija u hamsin elf Dollaru Amerikan, ($150,000.00);

2. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti kellha tiehu lura s-somma ta' mitejn u hamsin elf Dollaru Amerikan, ($250,000.00), wara wiehed u ghoxrin (21) gurnata;

3. Illi effettivament, is-socjeta` rikorrenti ghamlet il-versament pattwit fuq indikat;

4. Illi nonostante li ghaddew il-wiehed u ghoxrin (21) gurnata u aktar, l-intimat ma ottemporax ruhu mal-kondizzjonijiet tal-istess ftehim u ma ghadda l-ebda ammont kif dovut lill-istess socjeta` rikorrenti;

5. Illi ghalkemm interpellat biex jeffettwa l-pagament minnu dovut, l-intimat baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-procedura;

6. Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti sejjhet lill-intimat quddiem din il-qorti biex jghid ghaliex din m'ghandhiex:

i. Tiddikjara li l-intimat kiser il-ftehim mas-socjeta` rikorrenti li konsegwenza tieghu din sofriet danni ammontanti ghal mitejn u hamsin elf Dollaru Amerikan, ($250,000.00);

ii. Tikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti bhala danni minnha subiti;

iii. Bl-ispejjez indikati fl-istess rikors promotur u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mis-7 ta' Lulju, 2011;

Rat id-dokumenti esebiti mill-istess socjeta` rikorrenti;

Rat li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-pubblikazzjoni;

Ikkonstatat li l-istess intimat baqa' fi stat ta' kontumacja;

Ezaminat l-affidavitijiet prodotti mis-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi l-allegazzjonijiet tas-socjeta` rikorrenti gew debitament ipprovati u sintetikament jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-intimat Ciancio kien avvicina lis-socjeta` rikorrenti tramite Anthony sive Teddy Vassallo, Elton Borg u Michael Callus, fejn ippropona li s-socjeta` rikorrenti tghaddilu mitt elf Dollaru Amerikan, ($100,000.00), u wara ghoxrin (20) gurnata jirritornalhom mitejn u hamsin elf Dollaru Amerikan, ($250,000.00);

2. Illi peress li l-imsemmija rapprezentanti tas-socjeta` rikorrenti kellhom fiducja fl-intimat peress li dejjem kien mexa tajjeb maghhom, is-socjeta` rikorrenti ghaddietlu l-ammont pattwit;

3. Illi wara li ghaddiet l-iskadenza fuq riferita, l-intimat ma ottemporax ruhu mal-kundizzjonijiet minnu miftiehma;

4. Illi mill-korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet fir-rigward jirrizulta li l-intimat baqa' jaccerta lis-socjeta' rikorrenti li kien ser ihallasha l-ammont minnu dovut, izda inutilment;

5. Illi s-socjeta` rikorrenti ma kellha l-ebda alternattiva hlief li tipprocedi bil-procedura odjerna;

6. Illi in segwitu ghall-procedura de quo l-istess intimat baqa' inadempjenti u ghazel li jibqa' fi stat ta' kontumacja;

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u filwaqt li ghalhekk takkolji t-talbiet tal-istess socjeta' rikorrenti:

1. Tiddikjara li l-intimat Arthur Ciancio kiser il-ftehim minnu pattwit mas-socjeta` rikorrenti Medsea Shipping Agency Limited li konsegwenza tieghu din l-istess socjeta` sofriet danni ammontanti ghal mitejn u hamsin elf Dollaru Amerikan ($250,000.00), ekwivalenti ghal mija u erbgha u sebghin elf, sitt mija u hames Ewro u disgha u tletin centezmu, (€174,605.39);

2. Tikkundanna lill-intimat fuq indikat ihallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti fuq ukoll indikata bhala danni minnha subiti;

3. Bl-ispejjez kif indikati fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet dovuti lill-istess socjeta` rikorrenti mill-imsemmi ntimat skont il-ligi mis-7 ta' Lulju, 2011.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------